

Brussell, 29 ta' Awwissu 2016
(OR. en)

11802/16

EDUC 265
SOC 491

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10323/16 EDUC 242 SOC 429 REV 1
Suġġett:	Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) Ħatra tas- Sur Gil BELLING (LU) , membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Gvern

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat mill-Gvern Lussemburgiż bid-deċiżjoni tiegħu li jinnomina lis-Sur Gil BELLING bħala l-membru tiegħu fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Gvern fuq il-Bord Amministrattiv tas-CEDEFOP, li b'hekk jissostitwixxi lis-Sur Antonio DE CAROLIS.
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 337/75, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2051/2004, il-membri tal-Bord Amministrattiv, ħlief għar-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jinħatru mill-Kunsill għal perijodu ta' tliet snin.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni annessa hawnhekk bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, u
 - jitlob li tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta'
li ġġedded il-Bord Amministrattiv
taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ¹,

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata mill-Gvern Lussemburgiż,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-14 ta' Lulju 2015² u tal-14 ta' Settembru 2015³, il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2015 sas-17 ta' Settembru 2018.
- (2) Post ta' membru fuq il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru huwa disponibbli għal-Lussemburgu fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Gvern bħala riżultat tar-riżenja tas-Sur Antonio DE CAROLIS.
- (3) Jinħtieġ li l-membri tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru msemmi hawn fuq jinħatru għall-bqija tal-mandat attwali, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018.

¹ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2051/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 1).

² ĠU C 232, 16.7.2015, p. 2.

³ ĠU C 305, 16.9.2015, p. 2.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-bqija tal-mandat, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018:

RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN:

LUSSEMBURGU	Is-Sur Gil BELLING
-------------	--------------------

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President